# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn 18 ta' Novembru, 2024

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 23/2024 ISB**

**Inter Group Partner Holdings (Malta) Ltd (C 50314)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Inter Group Partner Holdings (Malta) Ltd,** tas-7 ta' Marzu 2024, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

*(a) tordna illi s-soċjeta rikorrenti Inter Group Partner Holding (Malta) Ltd (C 50314) tiġi stralċjata minn din l-Onorabbli Qorti u dan abbażi ta` l-artikolu 214(1)(a) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*(b) taħtar likwidatur sabiex jieħu f'idejh l-istralċ tas-soċjeta rikorrenti skont il-liġi; u*

*(c) tagħti kull provvediment ieħor li jidrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Inter Group hija soċjeta b'responsabbilta limitata li ġiet kostitwita fid-29 ta' Lulju tal-2010 (Dokument "**A1**" hawn anness) (kopja ta` l-istatut ta' Inter Group huwa wkoll hawn anness u mmarkat Dokument "**A2**").*

2. *Is-soċjeta' rikorrenti tirrileva illi fl-1 ta' Frar, 2024 ttieħdet riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija (Dokument "**A3**") fejn ġie deċiż mill-uniku azzjonist f' Inter Group b' ishma li għandhom dritt ta' vot assoċjat magħhom, illi Inter Group għandha tiġi xolta mil-1 ta' Frar 2024, u li għandu jiġi ppreżentat dan ir-rikors sabiex Inter Group tiġi stralċjata minn din l-Onorabbli Qorti. Għalhekk qed jiġi ppreżentat dan ir-rikors ai termini ta' l-artikolu 218(1)(a) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta` Malta, permezz ta' liema: (i) Inter Group qed iġġib ir-riżoluzzjoni hawn imsemmija a formali konjizzjoni ta' din l-Onor. Qorti; u (ii) qed jintalab l-istralċ konsegwenzjali bil-Qorti tas-soċjeta rikorrenti skont l-artikolu 214(1)(a) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta` Malta.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok A1 sa Dok A3) (fol 3 sa fol 37).

Rat id-**digriet** tagħha tat-13 ta' Marzu 2024, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Mejju 2024 fid-9:30 a.m.

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti intavolata fit-2 ta' Lulju 2024 (fol 43) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Urban Hådén**.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' April 2024, dehret l-Avukat Stefania De Gabriele għas-soċjeta' rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tas-soċjeta' rikorrenti magħmula fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2024 fis-sens illi ma' kellhiex aktar provi x'tipproduċi. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi mid-dokumenti ppreżentanti jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti ġiet kostitwita bħala kumpanija ta' responsabilita` limitata fid-29 ta' Lulju 2018 bin-numru uffiċjali C50314, bl-għan prinċipali li toffri servizzi ta' konsulenza fis-settur tal-*gaming*.

Jirriżulta li fis-7 ta' Frar 2024, (vide Dok A2) saret laqgħa straordinarja f'liema laqgħa ġie riżolt illi l-kumpanija tiġi xjolta u stralċjata permezz tal-Qorti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi **s-soċjeta' rikorrenti** ppreżentat is-segwenti dokumenti:

- Estratt mill-MBR *website* li turi l-istatus tal-kumpanija *de quo;*
- Kopja tar-Rizoluzzjoni Straordinarja tal-Membri tas-soċjeta' rikorrenti –

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom u tosserva partikolarment is-segwenti Riżoluzzjoni:

> *The Company be dissolved with a dissolution date of 7th of Feb 2024, and consequently wound up by the Court, in accordance with provsions of article 214(1)(a) of the Companies Act (Chapter 386 of the Laws of Malta).*
> *Camilleri Preziosi, of Level 3, Valletta Buildings, South Street, Valletta VLT1103, Malta, by authorized to draft the application to be filed before the Courts of Malta in terms of article 218(1)(a) for the purpose of instituting the proceedings referred to in the second resolution hereof.*

- Kopja tal-*Memorandum and Articles of Assocation* tas-soċjeta' rikorrenti Inter Group Partner Holding (Malta) Limited – il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fl-affidavit tiegħu, **Urban Hådén** in rappreżentanza ta' Inter Group Partner Holding AB jikkonferma il-kontenut tar-riżoluzzjoni li ttieħdet fis-7 ta' Frar 2024 mill-azzjonist tas-soċjeta' Inter Group Partner Holding (Malta) Ltd.

Jgħid li Inter Group Partner Holding AB għandha l-ishma 'A' kollha tal-kumpanija *de quo.* Jispjega li sehem wieħed 'B' jappartjeni lil Global Custodian Foundation. Jgħid li ai termini tal-artikolu 6(a) tal-*memorandum and articles of assocation* tal-istess kumpanija, min għandu l-ishma ordinarji 'A' tal-kumpanija għandu dritt għal vot għal kull sehem, mentri min għandu l-ishma ordinarji 'B' m'għandux dritt ta' vot.

Jispjega li r-riżoluzzjoni *de quo* ittieħdet ai termini tal-Artikolu 57 tal-Memorandum tal-kumpanija fejn jingħad li deċiżjoni ta' xoljiment tista' tittieħed permezz ta' riżoluzzjoni straodinarja. Jgħid li ai termini tal-artikolu 56, tali riżoluzzjoni tkun valida meta meħuda minn membru li għandu dritt jattendi għal-laqgħa ġenerali u jivvota u li jkollu sittin fil-mija (60%) tal-valur nominali tal-ishma li jagħtuh dritt jivvota. Jgħid li f'dan il-każ Inter Group Partner Holding AB għandha l-ishma kollha 'A' tal-kumpanija u b'hekk għaddiet ir-riżoluzzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-**Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi tagħha hija msejsa din il-proċedura huwa l-Artiklu 214(1)(a), jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

L-**Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

*Talba lill-qorti (aktar ’il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*

*(a) stralċ ta’ kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*

*(b) xoljiment u stralċ ta’ kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*

*(ċ) xoljiment u stralċ ta’ kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b’rikors li jista’ jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta’ obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista’ wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi r-riżoluzzjoni straordinarja meħuda fis-7 ta’ Frar 2024, tispjega b’mod ċar u inekwivoku d-deċiżjoni li l-kumpanija *de quo* tiġi xjolta u stralċjata.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret u saret għal raġunijiet leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpannija.

Oltre` minn hekk, ladarba r-riżoluzzjoni hija valida, u din il-Qorti m’għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita minn dan, din il-Qorti m’għandha l-ebda diskrezzjoni li tirrifjuta li takkorda t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti għall-provvediment ta’ stralċ.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq iċċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti il-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi biex takkolja t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li jirriżulta, din il-Qorti qegħda:

1. **Tordna** illi s-soċjeta` **Inter Group Partner Holding (Malta) Ltd (C 50314)** tiġi xjolta u konsegwentament stralċjata a bażi tal-Artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dana b'effett mis-7 ta' Frar 2024 ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. **Konsegwentament, tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjeta' **Inter Group Partner Holding (Malta) Ltd (C 50314)** lir-**Riċevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini tal-Aartiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-każ, jirrapporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Inter Group Partner Holding (Malta) Ltd (C 50314)** jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha,

**3. Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

**4. Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jithallsu mis-soċjeta' rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**